MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 44/2013

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi hija zzewget lill-intimat gewwa s-Sirja nhar is-sittax (16) t'Awwissu elfejn u ghaxra (2010) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku gewwa Malta (kopja tac-certifikat bin-numru elf hames mija u sitta u disghin tas-sena elfejn u ghaxra (1586/2010) anness bhala Dok. A);
2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;
3. Illi l-intimat izzewweg lir-rikorrenti mhux ghax verament hekk ried jaghmel, izda semplicement sabiex ikun jista` jidhol Malta u ‘l quddiem jakkwista ic-

cittaddinanza Maltija, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Illi precizament wara li zzewgu il-partijiet telqu ghal rashom u qatt ma regghu ltaqghu u z-zwieg qatt ma gie kkunsmat;
5. Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-sittax (16) t'Awwissu elfejn u ghaxra (2010) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku gewwa Malta (certifikat bin-numru elf hames mija u sitta u disghin tas-sena elfejn u ghaxra (1586/2010), huwa null u bla effett peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga;
6. Illi ghalhekk wkoll iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett stante li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-esklussjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi element wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fis-sittax (16) t'Awwissu elfejn u ghaxra (2010) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku gewwa Malta (kopja tac-certifikat bin-numru elf hames mija u sitta u disghin tas-sena elfejn u ghaxra (1586/2010 u markat bhala Dok. A) huwa null u bla effett ai termini tal-Artikoli 19(1)(d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat is-16 ta’ Awwissu 2010 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d), 19 (1)(f), 19 (1)(h) u 19A(1) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Min-naha tieghu l-intimat, minkejja li gie debitament notifikat bil-kawza odjerna, baqa’ qatt ma ntavola r-risposta guramentata tieghu u ghalhekk huwa kontumaci fil-proceduri odjerni.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

L-attrici tghid li habib taghha li kien jismu Khalid kien jaf sew lill-*partner* taghha ta’ dak iz-zmien, certu Alan li kellu l-problema tad-droga. Dan Alan qallha li Khalid kellu huh li ried jizzewwigha biex ikun jista’ jibqa’ hawn Malta. Assiguraha li ma kellhiex ghalfejn tinkwieta u qallha wkoll li kienu ser jghaddu madwar hamest elef ewro (€5000) ghal din il-bicca tax-xoghol. Tghid li marret ghand Avukat u ffirmat xi karti u dokumenti pero’ hadd ma spjegalha x’kienet qed tiffirma. Wara li l-karti li ffirmat marru s-Sirja, giet infurmata li kellha bzonn tmur il-Belt sabiex jigi registrat iz-zwieg li skond ic-certifikat sehh gewwa s-Sirja. Qalulha kif ghandha tirrispondi. Hasbet li issa kien ser ikollha l-flus bizzejjed sabiex tmantni liz-zewg ulied illi kellha. Qatt ma regghet rat lill-intimat zewgha aktar. Qatt ma ghexu flimkien u qatt ma kkonsmaw iz-zwieg taghhom. Minkejja dan kollu tghid li ma hadet xejn mill-flus li kien semmielha l-*partner* taghha, peress li dan kellu l-problema tad-droga. Taghlaq billi tghid li llum jiddispjaciha ta’ dak li ghamlet u thoss li giet uzata u abbuzata minn din is-sitwazzjoni.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar is-16 ta’ Awwissu 2010 gewwa Damascus is-Sirja kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process.

Il-Qorti, tirrileva li x-xhieda prodotti mir-rikorrenti ma jitfghu ebda dawl fuq il-mument propizju tal-kunsens li huwa l-aktar mument krucjali f'kawzi bhal dik odjerna. Minkejja dan, issir referenza ghax-xiehda ta' Sandro Vella li jikkonferma li l-attrici qaltlu li kienet izzewget ghall-flus u jikkonferma wkoll li qatt ma ra lill-intimat u li l-attrici kkonfermatlu li qatt ma marret gewwa s-Sirja. Ix-xhud Fiona Vella tikkorrabora dak li tghid l-attrici permezz tal-affidavit taghha fis-sens li tghid li din hija l-verzjoni li tatha l-istess attrici. Tikkonferma li l-attrici qatt ma marret is-Sirja u tikkonferma li l-istess attrici spjegatilha li ghaddew €5000 ghal dan iz-zwieg, minn liema flus l-attrici ma rat xejn.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja kienet inkapaci illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li l-partijiet qatt ma kellhom l-intenzjoni li verament jiffurmaw familja u jiffurmaw dik l-ghaqda li tant hi necessarja fiz-zwieg. Qatt ma verament riedu jizzewgu fis-sens wiesgha tal-kelma. Tant hu hekk li l-partijiet raw lil xulxin darba biss u qatt aktar. Dan ma jfissirx li l-partijiet ma kellhomx dak il-gudizzju necessarju sabiex jevalwaw id-decizjoni taghhom ghaz-zwieg. Anzi mill-provi jirrizulta li l-partijiet raw iz-zwieg bhala l-mezz ta' kif isolvu l-problemi rispettivi taghhom. L-attrici rat biss it-tama ghas-salvazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja taghha b'zewgt itfal u *partner* li kellu problema tad-droga filwaqt li l-intimat kien ser jirnexxilu jsolvi l-problema tieghu relatata mal-*visa* u d-dokumentazzjoni sabiex ikun jista' joqghod hawn Malta.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[1] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[2] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet kellhom id-*discretio judicii* necessarju imma kif ser jigi diskuss aktar 'il quddiem, ghazlu li jidhlu ghal zwieg li kienu jafu li kien wiehed fittizju (tant li qatt ma ghexu flimkien u sahansitra kien hemm wieghda ta' flus ghall-istess skop (li huwa minnu nnifsu

[2] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

reat) sabiex fuq il-karta jidhru li huma mizzewgin u xejn aktar.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li mill-provi migbura jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li dan kien zwieg ta' konvenjenza u xejn aktar. L-attrici tammetti dan fl-affidavit taghha u tghid li dan kien zwieg ta' konvenjenza tant li ghamlet dan kollu ghaliex ittamat li l-flus imwieghda lilha kienu ser jaslu u kienet ser tmanti liz-zewg uliedha u il-Qorti hija konvinta minn dan. Il-fatt li l-partijiet qatt ma ghexu flimkien u l-fatt li l-partijiet iltaqghu darba biss u cioe' meta z-zwieg taghhom gie registrat hawn Malta huma prova ta' dan. Il-fatt li l-partijiet qatt ma ghexu flimkien juri wkoll li l-partijiet qatt ma kienu lesti li jassumu r-responsabbilitajiet taz-zwieg versu l-parti l-ohra u dan ghaliex konxjament eskludew din il-possibilita' u mhux ghax kienu inkapaci.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[3] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament provat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Jirrizulta bl-aktar mod car mill-provi prodotti li z-zewg partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg purament ghal ragunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar. Iz-zwieg kien mezz ta' kif l-attrici suppost kellha tiehu solljev finanzjarju filwaqt

[3] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

li l-intimat kien ser ikun jista' joqghod hawn Malta minghajr problemi ta' xejn. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawzi fl-ismijiet **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**[4] **u Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**[5] fejn gie ritenut li:

"***Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament***".

Issir referenza wkoll ghall-kawzi fl-ismijiet **Mary Rose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim**[6] u **Carmen El Shimi gia Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi**[7] fejn gie ritenut li:

"***Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop tieghu uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/ u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulate peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu***".

Il-Qorti tirrileva li mix-xiehda prodotta, ma hemm ebda dubju dwar ir-raguni li wasslet lill-partijiet sabiex jidhlu ghaz-zwieg odjern. Min-naha tal-attrici, kien hemm l-idea ta' flus li kienu bzonnjuzi ghall-ghixien ta' wliedha anke in vista tal-fatt li missier l-istess ulied kellu problema tad-droga filwaqt li min-naha tieghu, l-intimat kien ser jakkwista d-dritt li jibqa' hawn Malta minghajr problemi.

Il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax il-kompartament tal-partijiet f'din il-kawza u ta' dawk it-terzi li ghenu sabiex

---

[4] Deciza nhar l-10 ta' Ottubru 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[5] Deciza nhar is-16 ta' Jannar 1998 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[6] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[7] Deciza nhar l-20 ta' Gunju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

isehh dan iz-zwieg fittizju. Il-fatt li l-attrici kienet lesta li tircievi l-flus ghal dan il-ghan, anke jekk jidher li dan ma sehhx, juri kemm l-istess attrici kienet lesta wkoll li tidhak u tqarraq bl-awtoritajiet ghall-iskop personali taghha u tali agir mhux biss huwa kundannabbli izda huwa wkoll reat li dwaru ghandhom jittiehdu passi. L-istess haga jrid jinghad ghall-intimat li mmanuvra bl-ghajnuna ta' ohrajn biex ikun hemm id-dokumentazzjoni necessarja sabiex isir iz-zwieg (minghajr ma r-rikorrenti marret barra minn Malta) u li jigi registrat hawn Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iz-Zwieg.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi notifikata lill-awtoritajiet kompetenti, fosthom lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Kap tad-Dipartiment tac-Cittadinanza sabiex jittiehdu l-passi necessarji.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------